II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1151/2014

tal-4 ta' Ġunju 2014

li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-informazzjoni li trid tiġi nnotifikata meta jeżerċitaw id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 35(5), l-Artikolu 36(5) u l-Artikolu 39(4) tagħha,

Billi:

(1) L-informazzjoni fin-notifiki pprovduta minn istituzzjonijiet ta' kreditu għandha tkun iddettaljata biżżejjed sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu ġew awtorizzati tkun tista' tivvaluta jekk l-istruttura amministrattiva u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu humiex adegwati biex itwettqu l-attivitajiet previsti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li fih huma jixtiequ joperaw, filwaqt li jippreparaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għas-superviżjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

(2) Għall-finijiet li ssir distinzjoni ċara bejn in-notifiki tal-bidu, in-notifiki li jirriżultaw mill-bidliet fid-dettalji tan-notifiki tal-bidu u dawk relatati ma' terminazzjoni ppjanata tal-operat ta' fergħa, huwa meħtieġ li jiġu definiti ċerti termini tekniċi użati.

(3) Sabiex l-ammont ta' informazzjoni li għandha tiġi notifikata jibqa' f'limiti raġonevoli, l-informazzjoni li hija rilevanti għall-valutazzjoni ta' notifika inizjali biss għandha tiġi trażmessa lill-awtoritajiet kompetenti. Notifika inizjali għandha tinkludi dettalji għall-identifikazzjoni tal-fergħa u l-istituzzjoni ta' kreditu li tixtieq tistabbilixxi din il-fergħa kif ukoll id-dettalji sabiex jiġi eżaminat il-programm ta' operazzjonijiet tal-fergħa previst mill-istituzzjoni ta' kreditu. Dawn id-dettalji għandhom jinkludu tbassir finanzjarju għat-tliet snin li ġejjin sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jiżguraw li l-attivitajiet tal-fergħa mhux se jdgħajjfu l-istabbiltà tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni ta' kreditu fil-futur. Dawn id-dettalji għandhom jinkludu wkoll informazzjoni dwar il-livelli u l-iskop tal-protezzjoni offruta lill-klijenti tal-fergħa.

(4) Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkun beħsiebhom iwettqu wieħed jew aktar servizzi ta' investiment u attivitajiet definiti fil-punt 2 tal-Artikolu 4(1) tad- Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) fi Stat Membru ieħor, għandha tiġi nnotifikata informazzjoni speċifika dwar l-organizzazzjoni strutturali tal-fergħa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju. Din l-informazzjoni għandha tagħti dettalji dwar l-arranġamenti

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338.

([2]) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

interni biex jiżguraw li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dik id-Direttiva, sabiex l-awtoritajiet kompetenti ikunu f'qagħda li jivvalutaw l-adegwatezza tal-organizzazzjoni strutturali tal-fergħa għas-servizzi u attivitajiet ta' investiment previsti.

(5) L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti għandhom bżonn jirċievu informazzjoni aġġornata f'każ ta' notifika ta' passaport ta' fergħa, inkluż l-għeluq ta' fergħa, sabiex ikunu f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjoni infurmata skont is-setgħat u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

(6) Dan ir-Regolament għandu jindirizza wkoll notifika minn istituzzjonijiet ta' kreditu relatata mat-twettiq ta' attivitajiet fi Stat Membru ospitanti bħala l-forniment ta' servizzi transfruntieri. Minħabba n-natura tas-servizzi transfruntiera, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti ta' spiss iħabbtu wiċċhom ma' nuqqas ta' informazzjoni dwar operazzjonijiet li jkunu qed jitmexxew fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom, u li għalhekk huwa essenzjali li jiġi speċifikat fid-dettall liema informazzjoni trid tiġi nnotifikata.

(7) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib, billi jittrattaw notifiki relatati mal-eżerċizzju tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn dawk id-dispożizzjonijiet, li għandhom jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin, u biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva u aċċess kumpatt għalihom minn persuni suġġetti għal dawk l-obbligi, inklużi investituri li mhumiex residenti fl-Unjoni, huwa mixtieq li jkunu inklużi l-istandards tekniċi regolatorji kollha meħtieġa mid-Direttiva 2013/36/UE f'Regolament wieħed.

(8) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament għandhom jinqraw flimkien mad-dispożizzjonijiet fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 926/2014 ([1]).

(9) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess mill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) lill-Kummissjoni.

(10) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi nnotifikata meta jiġi eżerċitat id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 35(5), l-Artikolu 36(5) u l-Artikolu 39(4) tad-Direttiva 2013/36/UE.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "notifika ta' passaport ta' fergħa" tfisser notifika li ssir skont l-Artikolu 35(1) tad-Direttiva 2013/36/UE mill-istituzzjoni ta' kreditu li tixtieq tistabbilixxi fergħa fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljarju tiegħu;

(2) "notifika ta' bidla fid-dettalji ta' fergħa" tfisser notifika skont l-Artikolu 36(3) tad-Direttiva 2013/36/UE minn istituzzjoni tal-kreditu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari u dawk ospitanti ta' bidla fid-dettalji kkomunikati skont l-Artikolu 35(2)(b), (c) jew (d) ta' dik id-Direttiva;

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 926/2014 tas-27 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar formuli, mudelli u proċeduri standard għan-notifiki marbuta mal-eżerċizzju tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 254, 28.8.2014, p. 2).

([2]) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

(3) "notifika ta' passaport ta' fergħa" tfisser notifika li ssir skont l-Artikolu 39(1) tad-Direttiva 2013/36/UE minn istituzzjoni ta' kreditu li tixtieq teżerċita l-libertà li jiġu pprovduti servizzi billi twettaq l-attivitajiet tagħha fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għall-ewwel darba lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljarju tagħha.

Artikolu 3

Notifika ta' passaport ta' fergħa

1. L-informazzjoni li għandha tiġi notifikata f'notifika ta' passaport ta' fergħa għandha tinkludi dan li ġej:

(a) l-isem u l-indirizz tal-istituzzjoni ta' kreditu u l-isem u l-post prinċipali ta' negozju intiż tal-fergħa;

(b) il-programm ta' operazzjonijiet kif speċifikat fil-paragrafu 2;

2. Il-programm ta' operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(b) għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-tipi ta' negozju maħsub, li jinkludi l-informazzjoni li ġejja;

(i) l-għanijiet ewlenin u l-istrateġija tan-negozju tal-fergħa u spjegazzjoni ta' kif il-fergħa se tikkontribwixxi għall-istrateġija tal-istituzzjoni u, fejn applikabbli, tal-grupp tagħha;

(ii) lista ta' attivitajiet fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb twettaq fl-Istat Membru ospitanti;

(iii) indikazzjoni tal-attivitajiet li se jikkostitwixxu l-qalba tan-negozju fl-Istat Membru ospitanti, inkluż id-data tal-bidu maħsuba għal kull attività ewlenija;

(iv) deskrizzjoni tal-klijenti fil-miri u l-kontropartijiet;

(b) l-organizzazzjoni strutturali tal-fergħa, li tinkludi l-informazzjoni li ġejja;

(i) deskrizzjoni tal-istruttura organizzativa tal-fergħa, inklużi l-linji ta' rappurtar ġuridiċi u funzjonali u l-pożizzjoni u r-rwol tal-fergħa fi ħdan l-istruttura korporattiva tal-istituzzjoni u, fejn applikabbli, tal-grupp tagħha;

(ii) deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' governanza u tal-mekkaniżmi interni ta' kontroll tal-fergħa, inkluża l-informazzjoni li ġejja:

— proċeduri tal-immaniġġjar tar-riskju tal-fergħa u dettalji dwar l-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tal-istituzzjoni, u fejn applikabbli, tal-grupp tagħha;

— kull limitu li japplika għall-attivitajiet tal-fergħa, b'mod partikolari għall-attivitajiet ta' self tagħha;

— dettalji ta' arranġamenti ta' awditjar intern tal-fergħa, inklużi d-dettalji tal-persuna responsabbli għal dawn l-arranġamenti u, fejn applikabbli, dettalji tal-awditur estern;

— arranġamenti kontra l-ħasil tal-flus tal-fergħa inklużi dettalji dwar il-persuna maħtura biex tiżgura konformità ma' dawn l-arranġamenti;

— kontrolli fuq l-esternalizzazzjoni u arranġamenti oħra ma' partijiet terzi b'rabta mal-attivitajiet imwettqa fil-fergħa li huma koperti mill-awtorizzazzjoni tal-istituzzjoni;

(iii) fejn il-fergħa hija mistennija twettaq wieħed jew aktar mis-servizzi ta' investiment u attivitajiet definiti fil-punt 2 tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE, deskrizzjoni tal-arranġamenti li ġejjin:

— l-arranġamenti għall-ħarsien tal-flus u l-assi tal-klijent

— l-arranġamenti għall-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 19, 21, 22, 25, 27 u 28 tad-Direttiva 2004/39/KE u l-miżuri adottati skont dawn mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istat Membru ospitanti

— il-kodiċi ta' kondotta interna inklużi l-kontrolli fuq negozjar fil-kont propju

— dettalji tal-persuna responsabbli biex tittratta ilmenti dwar is-servizzi u l-attivitajiet ta' investiment tal-fergħa

— id-dettalji tal-persuna maħtura sabiex tassigura l-konformità mal-arranġamenti tal-fergħa li jirrelataw ma' servizzi ta' investiment u attivitajiet;

(c) dettalji ta' esperjenza professjonali tal-persuni responsabbli għall-immaniġġjar tal-fergħa;

(d) informazzjoni oħra, li tinkludi l-elementi li ġejjin:

(i) pjan finanzjarju li fih tbassir għal karta bilanċjali u kont tal-qligħ u t-telf li jkopri perjodu ta' tliet snin;

(ii) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-garanzija tad-depożiti tal-Unjoni u tal-iskemi ta' protezzjoni tal-investitur li tagħhom l-istituzzjoni hija membru u li jkopru l-attivitajiet u s-servizzi tal-fergħa, flimkien mal-kopertura massima tal-iskema ta' protezzjoni tal-investitur;

(iii) dettalji tal-arranġamenti tal-IT tal-fergħa.

Artikolu 4

Notifika ta' bidla fid-dettalji ta' fergħa u notifika tat-tmiem tal-operat ta' fergħa

1. Notifika ta' bidla fid-dettalji fergħa li mhix relatata ma' terminazzjoni ppjanata tal-attività ta' fergħa għandha tiġi nnotifikata meta jkun hemm bidla fl-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 3(1)(a) u (b), minbarra dik speċifikata fl-Artikolu 3(2)(d) billi l-aħħar notifika mill-istituzzjoni ta' kreditu, jew, jekk dik l-informazzjoni ma kinetx ġiet notifikata, middata tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni li trid tiġi notifikata meta istituzzjoni tal-kreditu tippjana li ttemm l-operazzjoni ta' fergħa għandha tinkludi dan li ġej:

(a) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni li ser ikunu responsabbli għall-proċess tat-tmiem tal-operat tal-fergħa;

(b) l-iskeda stmata għat-tmiem ppjanat tal-operat u kull aġġornament rilevanti kif jevolvi l-proċess;

(c) informazzjoni dwar il-proċess ta' tmiem tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-klijenti tal-fergħa.

Artikolu 5

Notifika ta' servizzi ta' passaport

L-informazzjoni li għandha tiġi notifikata f'notifika ta' servizzi ta' passaport għandha tinkludi dan li ġej:

(a) il-lista ta' attivitajiet fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36/UE li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-ħsieb twettaq fl-Istat Membru ospitanti;

(b) l-attivitajiet li ser jikkostitwixxu l-qalba tan-negozju fl-Istat Membru ospitanti;

(c) id-data tal-bidu għal kull attività tas-servizz ċentrali fejn applikabbli.

Artikolu 6

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO